MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 370/2007

Kawza fil-lista: 35

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u tablet hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Jannar 2000 gewwa r-registru taz-zwieg gewwa Valletta;

Illi mal-ewwel kien hemm problemi bejn il-partijiet tant li fis-sena 20 ta’ Gunju 2006 gie registrat is-separazzjoni u ma kienx hemm tfal;

Peress iz-zwieg huwa null ghax:

Il-kunsens tal-partijiet jew ta' xi wahda minnhom kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali jew b' anomlija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b' mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghala m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fil-5 ta' Jannar 2004 [recte: 8 ta' Jannar 2000] huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq imsemmija jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet skond l-artiklu 19(1)(c), (d), (f), (h) u/ jew (g) ta' l-att taz-zwieg (Kap. 255).

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi z-zwieg tieghu ma' l-attrici – li sar fit-8 ta' Jannar 2000 – huwa validu; ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat mal-konvenut fit-8 ta' Jannar 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][h] u [g] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkontesta t-talba attrici, billi jsostni li z-zwieg huwa validu.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Jannar 2000 meta allura l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut kellu 27 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin perijodu ta' sena. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa sitt snin, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fl-20 ta' Gunju 2006. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu. Dawn taw versjonijiet kontrastanti.

*Verzjoni ta' l-Attrici*
Illi fil-qosor il-verzjoni attrici hija fis-sens li hija zzewwget lill-konvenut mhux ghax kienet thobbu, izda sabiex tahrab mis-sitwazzjoni prevalent fid-dar tal-genituri taghha. L-attrici tghid li ommha hija mara pussessiva hafna u kienet tikkontrolla kollox u kull haga li kellha x' taqsam ma' l-attrici u ma' hutha. Is-sitwazzjoni aggravat ruhha hafna meta omm l-attrici tilfet it-tieni wild taghha, li jigi hu l-attrici; u l-attrici ma setghetx tghix izjed ma' ommha. Kien ghalhekk li hija dahlet u baqghet fir-relazzjoni mal-konvenut, u wara sena accettat li tizzewwgu. Riedet titlaq mill-kontroll ta' ommha, u tibda hajja gdida.

L-attrici tilmenta mill-komportament tal-konvenut wara z-zwieg, u tghid li, filwaqt li hi kienet tahdem minn filghodu sas-7.00pm, il-konvenut minn naha tieghu kien joqghod jirranga d-dar li kellha tkun id-dar matrimonjali taghhom, u li dam hames snin biex jirranga. Tghid, li wara li hi kienet tigi mix-xoghol kien ikollha ssajjar u taghmel il-facendi tad-dar. Takkuza lill-konvenut li huwa bniedem ghazzien u li kien jghix minn fuq darha;  u l-piz kollu tal-familja kien waqa' fuqha biss.

Tghid li l-konvenut ma kienx jemmen biz-zwieg, u kien accetta li jizzewweg biz-zwieg civili biex ikollu certu drittijiet.

L-attrici tghid car u tond li hi ma kienitx thobb lill-konvenut u li kienet izzewgitu bl-iskop uniku li titlaq minn dak l-ambjent tad-dwejjaq li kienet fih fid-dar tal-genituri taghha. Tghid li sa minn qabel iz-zwieg hija ma rieditx li jkollha tfal mill-konvenut;  u di fatti l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzzjoni da parti ta' l-istess konvenut fuq insistenza taghha.  In propozitu missier l-attrici fl-affidavit tieghu jirrakkonta okkazzjoni li fiha l-konvenut kien talbu sabiex jikkonvinci lill-attrici sabiex ikollhom it-tfal.

Tghid li l-konvenut kien pussessiv hafna u egoist, u kien wasal moment meta "ma stajtx nissaporti aktar".

*Verzjoni tal-Konvenut*

Il-konvenut jispjega li huwa jaghmel xoghol ta' handyman u driver, skond il-bzonn.  Xi xaharejn qabel iz-zwieg huwa kien gie redundant mix-xoghol. Sussegwentement kien jahdem ix-xoghol li kien isib, kif jirrizulta mid-dokument mahrug mill-ETC.  Jghid li l-partijiet kienu ftehemu li, filwaqt li l-attrici zzomm l-impieg regolari taghha, huwa kellu jahdem fuq bazi full-time fil-fond li kienu akkwistaw. Jichad li hu bniedem ghazzien u li ried jghix minn fuq dar l-attrici, u jispjega li d-dar matrimonjali damet hames [5] snin biex titlesta peress li max-xoghol fid-dar, hu kien jaghmel xoghol iehor fuq bazi part-time.

Il-konvenut jghid li hu kien izzewweg lill-attrici biex jibni familja u sabiex ikollu t-tfal, izda kienet l-attrici li kienet

riluttanti f' dan ir-rigward, u li f' sitt snin taz-zwieg hi ma kienitx accettat li l-att taz-zwieg isir miftuh ghat-tfal.

Jghid li sa sena qabel is-separazzjoni, ir-relazzjoni taghhom kienet tajba u kienu ferhanin it-tnejn; izda tul l-ahhar sena l-attrici kienet tkun imdejjqa. Jghid li huwa kien hadha b' sorpriza meta huwa sar jaf li hi riedet tissepara minn mieghu; u jghid ukoll li ghadu sallum ma jafx ezattament ir-raguni ghal dan.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti wara debita riflessjoni hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront ta' l-attrici l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Minn dak li qalet l-attrici stess jirrizulta manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali hija kienet affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import tal-hajja matrimonjali; bir-rizultat li ma fehmitx u ma apprezzatx is-sinifikat tal-konvivenza matrimonjali, u cioe' li tghix ma' ragel f' unjoni diretta ghall-prokreazzjoni u trobbija tat-tfal.

Hija tammetti li kienet zzewwget ragel li ma kienitx thobb, u tghid li fil-hajja mizzewwga hija kienet eskludiet dan l-obbligu li jkollha tfal mill-allura r-ragel taghha. B' din id-dispozzjoni mentali da parti ta' l-attrici, mhu sorprendenti xejn li hi ma setghetx tissaporti n-nuqqasijiet tal-konvenut, b' mod li eventwalment ma felhitx tissaportih aktar. Huwa minnu li l-konvenut kellu n-nuqqasijiet tieghu, izda dawn ma jwasslu ghall-annullament taz-zwieg; u kienu n-nuqqasijiet ta' l-attrici li servew ta' ostakolu serju sabiex tigi stabbilita komunjoni ta' hajja u ta' mhabba bejn il-partijiet.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi miluqgha, ghar-raguni mputabbli unikament lill-attrici li allura ghandha tbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Jannar 2000.

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------